**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 707/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Paula Ciantar)**

**vs.**

**Giuseppe Condello Borg**

Illum id-9 ta' Dicembru 2020

Il Qorti:

Rat li tressaq Lil **Giuseppe Condello Borg** ta' 22 sena, iben Ignazio Condello u Graziella Acciarito, imwieled l-Italja nhar it-23 t'April 1997, residenti 48, Triq Ġnien id-Dwieli, Mġarr, detentur tal-karta tal-identita` b'numru 0187520A

1. Billi int akkużat talli nhar il-15 ta' Novembru 2019, fi Triq Ġnien id-Dwieli, Mġarr u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, ikkaġunajt feriti ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikati mit-tabib Dr. Elaine Buttiġieġ (Med. Reg. 4387) fuq il-persuna ta' martek Romina Condello Borg;
   *Art. 221, Art. 222(1)(a), Art. 202(h) Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

2. U aktar talli nhar il-15 ta' Novembru 2019 u fil-ġimgħat, fix-xhur u fis-snin ta' qabel, fi Triq Ġnien id-Dwieli, Mġarr u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnek, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kisru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bl-imġieba tiegħek ikkaġunajt lil ħaddiehor u cioe` lil martek Romina Condello Borg kif ukoll lil binha Cain Stivala Borg u lil ommha Helena Borg, biża' li se tintuża vjolenza kontrihom;
   *Art. 251B Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, rrendejt ruħek reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li ġejt misjub ħati bis-sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr. D. Frendo Dimech LL.D. nhar il-15 ta' Jannar 2019.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta` tal-imsemmija Romina Condello Borg, Cain Stivala Borg u Helena Borg, u tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'każ ta' ħtija l-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' tal-imsemmija Romina Condello Borg, Cain Stivala Borg u Helena Borg ai termini tal-Artikolu 383 et. seq. tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar id-9 ta' Lulju 2020.

Rat illi d-difiza ma ressqitx provi.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tad-29 ta' Settembru 2020.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

[1] Folio 12 ta' l-atti processwali

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar il-15 ta' Novembru 2019 meta gie rraportat mal-pulizija li kien sehh kaz ta' vjolenza domestika. Illi fir-residenza tal-familja ta' l-imputat inqala' argument bejn l-imputat, martu u t-tifel ta' martu. Mart l-imputat, Romina Condello Borg, cemplet lil ommha meta l-argument beda jeskala. Is-sitwazzjoni fil-fatt eskalat b'tali mod li l-imputat aggreddixxa u beda ssawwat lil martu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-akkuzi kontra l-imputat jikkoncernaw allegazzjonijiet kontrih fil-konfront ta' martu Romina Condello Borg, ta' Cain Stivala Borg u ta' Helena Borg.

Apparti x-xhieda ta' l-Ispettur u tat-tabiba Dr. Elaine Buttigieg li ikkonfermat ic-certifikat mediku mahrug minnha[2], il-prosekuzzjoni ressqet biss bhala xhud lil Romina Condello Borg.

Ix-xhud Romina Condello Borg, li tigi mart l-imputat, fl-udjenza tad-9 ta' Lulju 2020 dehret quddiem il-Qorti u stqarret li qieghda tirrinunzja ghall-kwerela li hija gia ghamlet u ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat safejn tali azzjoni hija rinunzjabbli stante li qed tahfer lill-imputat. Ix-xhud stqarret ukoll li in vista tal-fatt li tigi martu u li ghandhom familja flimkien ma riditx tixhed fil-konfront tieghu. Il-Qorti qieset sew id-dikjarazzjoni tal-vittma Romina Condello Borg, u minkejja d-diskrezzjoni tal-Qorti a tenur tal-Kap. 581 tal-Ligijiet ta' Malta, wara d-dikjarazzjoni mtennija tal-istess vittma, din il-Qorti tqis li ghandha tilqa' l-istess dikjarazzjoni u tezentaha milli tixhed.

---

[2] Dok PC2, Folio 27, 31 u 32 ta' l-atti processwali

Illi madankollu, kien hemm zewg persuni ohra li kienu parte civile ghall-kawza, u cioe', Cain Stivala Borg u Helen Borg. Il-prosekuzzjoni pero', possibbilment anke in vista tar-rinunzja tal-imsemmija Romina Condello Borg, ghazlet li ma tellaghhomx jixhdu. Ezebiet biss l-istqarrija ta' l-imputat u c-certifikat mediku: aktar minn hekk, il-prosekuzzjoni ma gabet ebda prova ohra.

L-imputat gie mixli wkoll bl-addebitu tar-recidiva skond l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Anke f'dan ir-rigward, il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova.

Ghaldaqstant fuq nuqqas ta' provi din il-Qorti ser ikollha tghaddi sabiex tillibera lill-imputat.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 221, 222(1)(a), 202(h), 251B, 49, 50, 383 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Giuseppe Condello Borg **mhux hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija u piena.

**Moghtija illum nhar id-9 ta' Dicembru 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**